# IL-VISTA PASTORALI TAL-1967

Charles J. Farrugia BA(Hons) PG Dip Rec Mgmt MA MA(Lond)

Meta dan l-aħħar saret il-Vista Pastorali tal-Arċisqof Pawlu Cremona fl-Imqabba u ssemma kemm kienet ilha ma ssir xi ħaġa simili, ħafna nħasdu. U bir-raġun. Il-vista ta' qabel din saret fl-1967, propju 47 sena ilu. F'dan l-artiklu qsajjar ser naghtu titwila storika lejn dik il-Vista. Il-żjara mill-Arċisqof Mikiel Gonzi bdiet fis-7 ta' Mejju 1967 b'korteo mid-dar parrokkjali għal knisja bis-sehem tal-fratellanzi bl-istandardi u l-fratelli u l-kleru. Matul ir-rotta kien hemm ħruq ta' murtali. Mal-wasla sar ir-rit tal-ġurament u l-att ta' sottomissjoni tas-saċerdoti. Wara saret konċelebrazzjoni li fiha ħadu sehem il-Monsinjur Dun Anġ Ghigo, Dun Salv Grima kif ukoll il-kappillan Dun Carmelo Bianco kif ukoll is-saċerdoti mill-parroċċa tal-Imqabba Dun Ġużepp Xuereb, Dun Ġerald Mangion, Dun Karm Ghigo u Dun Joe Bugeja. Wara l-quddiesa s-saċerdoti ngħaqdu mal-Arċisqof għand il-kappillan għat-tè.




Firem tal-Arċisqof Gonzi u l-Kappillan Bianco fil-ktieb tal-Viżitaturi tal-każin tal-Ġilju (Arkivju Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju, Mqabba – Ktieb tal-Viżitaturi).

Fil-jum tat-8 ta' Mejju l-Arċisqof Gonzi laqgħa lill-pubbliku bejn is-6 u d-9 ta' filgħaxija fil-kappella ċkejkna ta' ħdejn is-sagristija. Hawn reġgħu marru wkoll iż-żewġ każini li għamlu t-talbiet tagħhom għal konċessjonijiet marbuta mal-festi rispettivi.

Fid-9 ta' Mejju kien imiss spezzjoni fl-iskola primarja fejn l-Arċisqof kien partikolarment interessat fil-livell ta' tagħlim ta' reliġjon lit-tfal tar-raħal. Hawn ukoll saru diskorsi minn xi tfal u Gonzi kien sodisfatt ferm bid-dedikazzjoni tal-għalliema.



Mix-xellug: Dun Gerald Mangion, Dun Ġużepp Xuereb, Monsinjur Arċisqof Michael Gonzi, il-kappillan Dun Karm Bianco, Dun Karm Ghigo, Dun Joe Bugeja f'ritratt tal-okkażjoni meħud fid-9 ta' Mejju 1967. (Arkivju Parrokkjali Mqabba)



L-isqof jisma' b'attenzjoni messaġġ minn student waqt iż-żjara fl-Iskola Primarja tal-Imqabba.

Hawn bdiet il-parti li kienet kważi spezzjoni tal-opri sagri kemm fil-knisja, fil-kappelli u dak kollu li kienet tippossedi l-knisja. L-ewwel kappella li żar l-Arċisqof kienet dik tad-Duluri, ġuspatronata mill-familja Pullicino. Wara żar dik ta' Santa Katarina u jidher li ma tantx ħa gost, anzi r-rapport tal-kappillan ta' dak iż-żmien jgħid "Sua Ecc.za deploró l'uso ormai ridotto per conservare le due pradelle di S. Maria Assunta e della Madonna del Giglio." Il-kappillan ddefenda ruħu billi spjega li kellu proġett maħsub sabiex ineħħi dawn il-bradelli minn hemm u juża l-post għal skop sagru, liema pjan ġie approvat minn Gonzi.

Wara l-kappella ta' Santa Katerina l-Arċisqof żar il-kappelli ta' San Bażilju u San Mikiel fejn ammira l-arkitettura mill-isbaħ u minn hemm baqa' sejjer bil-karozza sabiex iżur il-kappella ta' Ġesù Nazzarenu fiċ-ċimiterju. Hemm kien sodisfatt ferm għal metodu mill-aqwa ta' kif kien miżmum il-post.

Is-serata kienet riservata għal żjarat għand l-għaqdiet tal-parroċċa. Fil-5.00 pm l-Arċisqof żar iċ-ċentri tal-MUSEUM. Wara fl-5.45 żar il-każin tal-Ġilju u aktar tard dak ta' Santa Marija. Fit-tnejn saru diskorsi mill-Presidenti rispettivi. Dawn iż-żjarat ġabu fi tmiem l-ewwel ġurnata tal-Arċisqof Gonzi fl-Imqabba.

Dakinhar stess fis-6.30pm l-Arċisqof assistit mill-kappillan Bianco qaddes ġewwa San Bażilju għal rappreżentanti tad-diversi għaqdiet. Fl-omelija tiegħu tkellem fuq l-importanza tal-appostolat u ħeġġeġ lil dawk preżenti sabiex jimpenjaw ruħhom b'serjetà għal ħidma kattolika. Wara ttieħed ir-ritratt tal-okkażjoni tas-saċerdoti fuq iz-zuntier tal-istess kappella. Il-ħidma tal-vista ntemmet fis-7.30pm fejn l-Arċisqof kellu ċans jattendi riċeviment żgħir imħejji mill-kappillan u li għalih attendew is-saċerdoti.

Dan l-artiklu qsajjar ifakkar f'avveniment ieħor li sar fl-Imqabba tal-passat. Minkejja dan juri kemm kien hemm xebh ma dak li sar ukoll fil-preżent. Illum il-ġurnata l-enfasi tal-knisja resqet aktar lejn dak li hu spiritwali minn dak li hu materjali, u hekk xieraq fi żmien meta nifhmu li aktar għandu valur il-bniedem milli l-binjiet u l-istrutturi moħluqa mill-istess bniedem.

**Noti u Referenzi**


Joseph Zammit Mangion, 'L-Edukazzjoni u l-iskola fl-Imqabba', f'Charles J. Farrugia (ed), *L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien*, Malta 1998, p. 149.

Charles J. Farrugia, *Tal-Ġilju: Il-Banda u s-Soċjetà fl-Imqabba*, Malta 1995, pp. 115-116.

Arkivju Parrokkjali Mqabba, *Notizie S. Parrochiale Chiesa*, fol. 96v-97v.